VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 40 tal-2018

ATT DWAR IL-PULIZIJA
(KAP. 164)

Regolamenti tal-2018 li jirregolaw id-Doveri u l-Kondizzjonijiet tal-Ħatra tal-Kap Eżekuttiv

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att dwar il-Pulizija, il-Ministru responsabbli għall-Pulizija, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jirregolaw id-Doveri u l-Kondizzjonijiet tal-Ħatra tal-Kap Eżekuttiv.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Pulizija; Kap. 164.

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija.

Ħatra u żmien tal-kariga.

3. (1) Il-Kap Eżekuttiv għandu jkun maħtur mill-Ministru wara li ssir sejħa pubblika u għandu jibqa' f'dik il-kariga għal perjodu ta' tliet snin. Il-Kap Eżekuttiv ikun eliġibbli biex jerġa' jinħatar għal perjodi konsekuttivi ta' tliet snin.

(2) Kap Eżekuttiv jista' f'kull żmien jagħti r-riżenja tiegħu mill-kariga bil-miktub lill-Ministru.

Tneħħija jew sospensjoni mill-kariga.

4. Il-Kap Eżekuttiv jista' f'kull żmien wara li ssir il-ħatra jitneħħa jew jiġi sospiż mill-kariga tiegħu mill-Ministru, kemm-il darba għal xi raġuni jonqos, jittraskura jew jirrifjuta milli jwettaq dmirijietu, jew jonqos milli jħares xi ordni maħruġa taħt l-Att jew ir-regolamenti li jaqgħu taħtu, jew jikxef informazzjoni kunfidenzjali li jkun kiseb fil-qadi ta' dmirijietu.

Skwalifika.

5. Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar bħala Kap Eżekuttiv jekk:

(a) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati, jew tal-Parlament Ewropew, jew ta' Kunsill Lokali, jew tkun kandidat għal elezzjoni għall-Kamra tad-Deputati, jew għall-Parlament Ewropew, jew għall-Kunsill Lokali;

(b) jkollha dak l-interess finanzjarju jew xi interess ieħor li x'aktarx jippreġudika t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala Kap Eżekuttiv;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) tkun legalment inkapaċitata jew interdetta;

(d) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet komposizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha; jew

(e) tkun instabet ħatja ta' xi reat kontra l-fiduċja pubblika.

Membri tal-Korp tal-Pulizija.

6. (1) Meta membru tal-Korp tal-Pulizija jinħatar bħala Kap Eżekuttiv, dak il-membru m'għandux sakemm ikun qed jaqdi dik il-kariga ikun preklużmilli japplika għal xi promozzjoni skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li kellu fid-data li fiha jkun inħatar membru tal-Korp tal-Pulizija.

(2) Il-membru tal-Korp tal-Pulizija imsemmi fis-subartikolu ta' qabel dan ikollu d-dritt li s-servizz tiegħu bħala Kap Eżekuttiv jitqies bħala servizz mal-Korp tal-Pulizija għall-fini ta' kull pensjoni, gratifikazzjoni, jew benefiċċju taħt l-Att, l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltima u taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u għall-fini ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li għalih kien ikollu dritt u jkollu kull responsabbilità li għaliha kien ikun suġġett, ħlief għall-fatt li hu kien maħtur biex iwettaq il-funzjonijiet ta' Kap Eżekuttiv.

Kap. 58.
Kap. 93.

(3) F'każ li l-membru imsemmi f'dan l-artikolu ma jibqax jaqdi l-kariga ta' Kap Eżekuttiv, dak il-membru ikollu d-dritt li jkompli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala membru tal-korp tal-Pulizija fil-grad illi hu jkollu.

Funzjonijiet u setgħat tal-Kap Eżekuttiv.

7. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi jew regolamenti oħra magħmulin taħthom, jew għal xi direzzjoni jew direzzjonijiet li jistgħu jingħataw lilu mill-Kummissarju jew mill-Ministru, il-funzjonijiet u s-setgħat tal-Kap Eżekuttiv għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) jaħdem flimkien mal-Kummissarju sabiex tkun implementata l-viżjoni tal-Korp tal-Pulizija;

(b) jiżgura li jkunu identifikati l-prijoritajiet u l-oġġettivi tal-Korp tal-Pulizija u li dawn jintlaħqu;

(ċ) jiddefinixxi u jippromwovi kultura interna ta' benessri, rispett u *empowerment*;

(d) jipprovdi parir professjonali, gwida u moniteraġġ dwar ħwejjeġ amministrattivi li jirriżultaw;

(e) jistabbilixxi l-pedament għal prattiċi u żvilupp effettivi dwar l-immaniġjar ta' persuni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) jiżgura li jsir assessjar ta' ħiliet, analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ u taħriġ sabiex jiżgura li l-membri tal-Korp tal-Pulizija jirċievu taħriġ, ħiliet u għarfien adegwat;

(g) jimplimenta għodod għal miżuri ta' prestazzjoni u proċeduri interni;

(h) ikun sors ta' kompetenza sabiex jiżgura l-implementazzjoni b'suċċess tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni, l-immaniġjar tar-Riżorsi Umani, *Corporate Branding,* Teknoloġija Informatika, Komunikattiva u Awtomativa u tal-istrateġiji dwar provvisti;

(i) ikollu rwol attiv fil-proċessi għall-offerti u kuntratti;

(j) jistabbilixxi relazzjonijiet tajba ta' ħidma ma' partijiet interessati kemm interni u esterni;

(k) jiżgura li jkun hemm responsabbilità soċjali korporattiva;

(l) jiżgura li kull proġett mogħti lilu jew lil xi uffiċjal jew uffiċjali oħra jitwettaq fiż-żmien jew żminijiet stipulati;

(m) jaħdem flimkien mal-Bord tal-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati fuq bażi regolari sabiex ikun stabbilit il-potenzjal tal-membri tal-Korp tal-Pulizija permezz ta' strateġiji ta' tagħlim;

(n) jintroduċi u jħaddem sorsi ta' mekkaniżmi ta' fondi Ewropej li jkopru aspetti kriminoloġiċi, soċjali u urbani;

(o) jaġixxi bħala punt ta' referenza strateġiku fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' struzzjonijiet dwar immaniġjar u żvilupp mingħand il-Kummissarju, Segretarju Permanenti u l-Ministru fl-aħjar interess tal-Korp tal-Pulizija u tal-Amministrazzjoni Pubblika;

(p) jikkoordina ma' uffiċjali anzjani fil-Korp tal-Pulizija u fl-Amministrazzjoni Ċivili dwar il-protokol operattiv, u approċċi għal proġetti konsultattivi, il-preparazzjoni għall-għan tal-proġetti, termini ta' referenza, skedi, baġits, rapporti u preżentazzjonijiet;

(q) jassisti fl-analiżi u l-prioritizzazzjoni ta' problemi u opportunitajiet għall-Korp tal-Pulizija filwaqt li jassigura li proġetti proposti jkunu konformi ma' policies u strateġiji tal-Gvern;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(r) jaqdi dawk il-funzjonijiet maniġerjali u amministrattivi oħra kif ikun meħtieġ.

(2) Il-Kap Eżekuttiv għandu, għal kull skop marbut mat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, jikkonsulta lill-Kummissarju.

Delega ta' funzjonijiet u setgħat.

8. Il-Kap Eżekuttiv jista' jeżerċita xi waħda jew iktar mill-funzjonijiet tiegħu kemm permezz tal-membri tal-Korp tal-Pulizija jew impjegati oħra tal-imsemmi Korp, jew permezz ta' aġenzija li tkun awtorizzata għal dak il-għan jew permezz ta' kuntrattur jew persuna oħra li magħhom isir ftehim għat-twettiq ta' xi waħda jew iktar minn dawk il-funzjonijiet.